MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 275/2016 LM

**Nicholas Mizzi (K.I. numru 02394M)**

***vs.***

**Joseph Delia (K.I. numru 758056M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' April, 2016 mill-attur **Nicholas Mizzi** (K.I. 02394M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent jaħdem bħala ġardinar self-employed (full-time) u bil-bowser (part-time);*
2. *Illi, nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2015 għall-ħabta tat-8 ta' filgħodu, waqt li l-esponent kien qiegħed ġewwa l-farmhouse li jġib l-isem "Id-Dielja", bl-indirizz l/o Girgenti, Siġġiewi, kien qed jipprepara l-għodda biex jibda x-xogħol ta' ġardinar;*

3. *Illi, dakinhar tal-15 ta' Diċembru 2015, l-esponent, waqt illi kien qiegħed ġewwa l-farmhouse li jġib l-isem "Id-Dielja", bl-indirizz l/o Girgenti, is-Siġġiewi, waqt li kien ser jibda x-xogħol ta' ġardinar, ġie attakkat feroċement mill-kelb tas-Sur Joseph Delia (Dok. A);*

4. *Illi b'riżultat tal-inċident imsemmi tal-15 ta' Diċembru 2015, l-esponent sofra danni inġenti konsistenti kemm f'*damnum emergens *u f'*lucrum cessans*, u anke sofra diżabilità permanenti li għad trid tiġi kwantifikata (Dokumenti B, C, D, E, F);*

5. *Illi minkejja li, permezz ta' tliet ittri interpellatorji bid-dati 27 ta' Jannar, 2016 (Dok. G), 6 ta' Frar, 2016 (Dok. H), u 19 ta' Frar, 2016 (Dok. I), u permezz ta' ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu, 2016 (Dok. J), il-konvenut ġie interpellat sabiex għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, inklużi, fost oħrajn, tal-Artikoli 1040, kif ukoll 1031, 1032 (1), 1033, 2153, u 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta), jassumi r-responsabbilità tal-inċident tal-15 ta' Diċembru, 2015, u konsegwentement sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni favur l-esponent, l-istess konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri neċessarja u opportuna:*

i. *Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-15 ta' Diċembru, 2015 ġewwa l-farmhouse li jġib l-isem "Id-Dielja", bl-indirizz l/o Girgenti, Siġġiewi u konsegwentement l-istess konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha li sofra l-istess esponent b'riżultat tal-istess imsemmi inċident;*

ii. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent billi tiddikjara illi jikkonsistu f'*damnum emergens *u* lucrum cessans**,** *okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

iii. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-esponent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tat-tliet ittri interpellatorji bid-dati 27 ta' Jannar 2016, 6 ta' Frar 2016, u 19 ta' Frar 2016, u tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu 2016, kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Joseph Delia** (K.I. 758056M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-esponenti mhuwiex ħati ta' ebda tort naxxenti mill-allegat inċident li fuqu qed isejjes il-pretensjoni tiegħu r-rikorrenti u għalhekk konsegwentement l-esponenti m'għandux għalfejn jiġi kkundannat ebda danni kif pretiż;*

2. *Illi l-esponenti dejjem uża d-diliġenza rikjesta mil-liġi u ħa ħsieb il-kelb tiegħu bl-aktar mod diliġenti u għalhekk m'għandux ikun ikkundannat ebda ħlas ta' danni;*

3. *Illi r-rikorrenti ma sofra ebda danni u għalhekk indipendentement minn jekk ingidimx mill-kelb tal-eċċipjenti jew le, irid iġib il-prova li effettivament dan l-inċident ikkawżalu danni;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

5. *Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Fir-Rikors Maħluf l-attur jispjega li huwa jaħdem fid-djar tan-nies kemm bħala ġardinar fuq bażi *full-time*, kif ukoll billi jipprovdi l-ilma permezz ta' *bowser* fuq bażi *part-time.* L-attur jgħid li fil-15 ta' Diċembru, 2015, huwa mar sabiex jagħmel xogħol ta' żbir tas-siġar taż-żebbuġ fir-residenza tal-konvenut, meta waqt li kien qiegħed iniżżel l-għodda mill-vann tiegħu, huwa safa attakkat mill-kelb tal-konvenut li gidmu fil-parti ta' wara tal-għarqub (minn issa 'l quddiem "l-inċident"). Wara l-inċident, l-attur kellu jiġi rikoverat fl-isptar u anki sarlu intervent kirurġiku. L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa sofra debilità permanenti, u għalhekk istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex din il-Qorti tillikwida u tordna l-ħlas tal-kumpens dovut lilu għat-telf li sofra minħabba f'din id-debilità.

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li hu m'għandu l-ebda tort għall-inċident, inkwistjoni u huwa dejjem uża d-diliġenza rikjesta mil-liġi u ħa ħsieb il-kelb tiegħu b'mod diliġenti. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li l-attur ma sofra l-ebda danni konsegwenza tal-inċident.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur ippreżentat minnu, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident inkwistjoni[1], fejn jingħad li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur kien ser jibda x-xogħol tiegħu bħala ġardinar fil-*farmhouse* tal-konvenut, u l-kelb tal-konvenut gidem lill-attur; kopja tal-*case*

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

*summary* li l-attur ingħata mar-rilaxx tiegħu mill-isptar[2]; sett ta' tliet ritratti meħudin fit-3 ta' Jannar, 2016, li juru l-istat ta' sieq l-attur wara li dan safa migdum[3]; kopja tal-*patient's certification form* maħruġa mill-Isptar Mater Dei fil-15 ta' Diċembru, 2015[4]; kopja ta' dokument maħruġ mill-*orthopaedic outpatients* tal-Isptar Mater Dei fit-28 ta' Diċembru, 2015[5]; kopja ta' rapport rilaxxat mill-konsulent Dr. Ivan Esposito fid-19 ta' Frar, 2016, dwar id-diżabilità permanenti li sofra l-attur[6], u kopji tal-ittri interpellatorji mibgħuta mill-attur lill-konvenut fis-27 ta' Jannar, 2016, fis-6 ta' Frar, 2016, fid-19 ta' Frar, 2016 flimkien ma' kopja tal-ittra uffiċjali li l-attur bagħat lill-konvenut fl-14 ta' Marzu, 2016, fejn interpellah jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni sofferti.[7]

L-attur, **Nicholas Mizzi**[8], fl-*affidavit* tiegħu jgħid li huwa jaħdem bħala ġardinar fuq bażi *self-employed,* u jagħmel ukoll xogħol b'*bowser* tal-ilma fuq bażi *part-time.* Qal li l-konvenut kien talbu jagħmel xi xogħol, u fil-15 ta' Diċembru, 2015 huwa mar fil-*farmhouse* tal-konvenut sabiex jagħmel ix-xogħol mitlub. Qal li kif wasal fuq il-post il-konvenut fetaħ ix-xatba, u hu baqa' dieħel fil-proprjetà tal-konvenut bil-vann b'kollox, u xħin waqqaf il-vann beda jniżżel l-għodda. Qal li kien qiegħed iniżżel sellum mill-vann meta f'ħin minnhom ġie kelb tar-razza *German Shepherd* minn warajh, u ħatfu bi snienu ftit 'il fuq mill-għarqub u baqa' jagħfaslu saqajh bi snienu. L-attur qal li kien il-konvenut stess li ħataf il-kelb minn ħalqu u ġibdu b'mod li dan inqala' minn ma' sieq l-attur, iżda ftit tal-mumenti wara l-kelb reġa' ħarab minn ħdejn sidu u reġa' ħataf sieq l-attur. Qal

[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 13 tal-proċess.
[5] *A fol.* 14 tal-proċess.
[6] *A fol.* 15 tal-proċess.
[7] *A fol.* 16 *et seq* tal-proċess.
[8] *A fol.* 29 tal-proċess.

li din id-darba, wara li l-konvenut irnexxielu jaqla' l-kelb minn ma' sieq l-attur, u l-konvenut u martu daħħluh ġewwa. L-attur qal li dak il-ħin hu kien muġugħ ħafna, u l-konvenut dewwielu l-ferita bi *spray* tal-Betadine, iżda wara xi ħin il-konvenut stess ħadu fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi. Qal li hemmhekk ingħata injezzjoni għall-uġigħ, iżda l-konvenut ingħata l-parir li jieħu lill-attur l-Isptar Mater Dei minħabba li l-attur kellu bżonn aktar kura hemmhekk. L-attur żied jispjega li wara li naddfulu l-feriti, kien ġie deċiż li huwa kellu jiġi operat f'siequ tal-lemin, u meta ttieħed fis-sala tal-ortopedija huwa beda jitlef ħafna demm u ntilef minn sensih. L-attur qal li huwa ġie operat l-għada tal-inċident. Anki wara li ħareġ mill-isptar, l-attur jgħid li kellu bżonn jagħmel diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija. Qal li wara l-inċident huwa ma setax jaħdem għal perijodu ta' żmien, u kellu jżid il-lavranti sabiex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol li kien jagħmel hu.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' dokument maħruġ mill-*accountant* Lorianne Xuereb[9], minn fejn jirriżulta kemm kien il-qligħ nett tal-attur għas-sena 2015, kif ukoll kopja ta' rċevuta ta' vista medika li huwa għamel għand Dr Ivan Esposito[10], flimkien ma' nota mill-fiżjoterapista.

Missier l-attur, **Carmel Mizzi**[11], fl-*affidavit* tiegħu qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien mar fid-dar tal-konvenut flimkien ma' ibnu ieħor, peress li l-konvenut kellu bżonn xogħol ta' żbir tas-siġar taż-żebbuġ. Qal li kif wasal, huwa sab ix-xatba tad-dar tal-konvenut miftuħa u ra lil ibnu l-attur iserraħ mal-vann, u kien qiegħed jibki bl-uġigħ. Kien dak il-ħin li ibnu, l-attur, infurmah li kien gidmu kelb u li kien muġugħ ħafna. Qal li dak il-ħin huwa talab lill-

---

[9] *A fol.* 32 tal-proċess
[10] *A fol.* 33 tal-proċess.
[11] *A fol.* 39 tal-proċess.

konvenut iwassal lill-attur l-isptar, u fil-ftit ħin li hu u ibnu Joseph damu fid-dar tal-konvenut, setgħu jisimgħu inbiħ kontinwu ta' kelb, u huwa beda jibża' u jiddejjaq b'dan l-inbiħ. Kompla jgħid li xi ħin wara, hu u ibnu Joseph iddeċidew li jitilqu mid-dar tal-konvenut u saqu lejn l-Isptar sabiex jaraw l-attur x'kien ġralu. Ix-xhud kompla jgħid li xħin wasal l-isptar, ġie infurmat li ibnu kien ser jiġi operat l-għada, u fil-ħin li qatta' ma' ibnu, seta' jara li dan kien muġugħ ħafna, tant hu hekk li f'ħin minnhom ħassu ħażin għaliex kien qiegħed jitlef ħafna demm. Ix-xhud qal li wara l-intervent li sar fuq l-attur, dan ingħata trattament li ma bediex jaqbel miegħu, u kien hemm waqtiet fejn intilef minn sensih u kellu bżonn assistenza medika. Ix-xhud qal li fl-1 ta' Jannar, 2016, kien mar id-dar tiegħu l-konvenut, li qallu li mar ifittex lil ibnu sabiex joffrilu xi ħaġa tal-flus. Ix-xhud qal li meta hu rrifjuta, il-konvenut beda jirrabja miegħu u jsir aggressiv.

Ix-xhud **Tonio Mifsud**[12] fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa impjegat mal-attur, u ġurnata qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kien mar mal-attur fid-dar tal-konvenut sabiex jagħmlu xogħol ta' qtugħ ta' siġar li kien hemm fuq barra u jiżbru xi palm. Ix-xhud qal li dakinhar hu ma ra l-ebda tabella li tavża li kien hemm kelb, iżda hu u l-attur setgħu jaraw il-kelb fil-'kamra' tiegħu, għaliex dan għamel ġurnata jinbaħ għalihom u jheżżeż snienu. Ix-xhud qal li minn dak li setgħu jaraw dakinhar, il-kelb mhux xi wieħed mans, u l-mara tal-konvenut kienet qaltilhom li l-kelb "iħobb jagħmel għas-saqajn". Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, kien l-attur stess li ċempillu mill-isptar u qallu x'kien ġara, u hu kien mar jarah l-għada s-16 ta' Diċembru, 2015, u seta' jara li l-attur kien mitluq u muġugħ ħafna. Ix-xhud qal ukoll li waqt li kien ħdejn l-attur, l-infermiera tawh injezzjoni li kkawżatlu sturdament u għal xi ħin anki intilef minn sensih. Ix-xhud qal li qabel seħħ l-inċident, l-attur kien imur fuq is-siti tax-xogħol u jaħdem

[12] *A fol.* 42 tal-proċess.

mal-lavranti, iżda wara l-inċident l-attur beda jmur fuq il-lantijiet tax-xogħol biex jissorvelja dak li jkunu qegħdin jagħmlu l-lavranti. Żied jgħid li għal xi żmien l-attur lanqas felaħ isuq il-vann tax-xogħol.

L-attur ippreżenta nota bl-*affidavit* ta' **John Micallef**[13], uffiċjal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li ppreżenta d-dokumentazzjoni dwar id-dħul annwali u t-taxxi mħallsa mill-attur. Dan ix-xhud spjega li fis-sena 2014, l-attur kellu dħul taxxabbli ta' €11,683, filwaqt li fis-sena 2015, l-attur kellu dħul taxxabbli ta' €20,721, li minnhom trid titnaqqas taxxa ta' €2,455.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016, xehed **Sean Meli**[14], in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li mill-15 ta' Diċembru, 2015 sa dakinhar li ta d-depożizzjoni tiegħu x-xhud, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien ħallas l-ammont ta' €5,152.40 lill-attur bħala benefiċċju għall-korriment fuq ix-xogħol.[15] Ix-xhud spjega li minkejja li sa dakinhar, l-attur kien għadu qiegħed jirċievi dan il-benefiċċju, dan il-benefiċċju mhux ser jibqa' jitħallas lilu b'mod permanenti, iżda jibqa' jitħallas biss sakemm ikun hemm parir mediku li jgħid li dan għandu jibqa' jingħata.

Fl-istess udjenza xehed **Dr Jeffrey Bonnici**[16], tabib fit-taqsima tal-Emerġenza, li qal li hu kien eżamina lill-attur fit-taqsima tal-Emerġenza, u l-ġerħa li kellu l-attur kienet tindika li din kienet gidma ta' kelb. Ix-xhud qal li kien hu li ddeċida li l-attur kellu jiġi operat. Qal ukoll li meta eżamina lill-attur, dan kien jidher li kien muġugħ.

[13] *A fol.* 53 tal-proċess.
[14] *A fol.* 71 tal-proċess.
[15] Dokument esebit *a fol.* 74 tal-proċess.
[16] *A fol.* 75 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Lorianne Xuereb**[17], l-*accountant* tal-attur, li spjegat li hija teħodlu ħsieb l-affarijiet finanzarji tiegħu. Ix-xhud qalet li fl-2015, l-attur qala' €18,000 u sal-aħħar tal-2015 kellu tliet impjegati *part-time* miegħu. Qalet li wara l-inċident, l-attur kellu jżid l-impjegati li jaħdmu miegħu għaliex huwa naqqas ħafna l-involviment tiegħu fuq ix-xogħol u għalhekk kellu jżid l-impjegati. Qalet li l-ħaddiema kollha li sa żmien l-inċident kienu jaħdmu mal-attur fuq bażi *part-time* bdew jaħdmu miegħu fuq bażi *full-time,* u kellu jiżdied ukoll ħaddiem ieħor fuq bażi *full-time.* Qalet li dawn il-ħaddiema jitħallsu abbażi tas-sigħat li jaħdmu, u kull wieħed jitħallas bir-rata ta' sitt Euro u ħamsin ċenteżmu (€6.50) fis-siegħa. Ix-xhud spjegat ukoll li fis-sena 2015, l-attur kien għadu kemm beda bl-attività ekonomika tiegħu, u sabiex ikun jista' jżid il-livell tal-attività ekonomika tiegħu kellu jżid in-numru tal-impjegati.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Joanne Cardona**[18], li qalet li hija fiżjoterapista, u l-attur ġie riferut lilha fis-27 ta' Diċembru, 2015. Qalet li l-każ tal-attur kien meqjus bħala wieħed urġenti, għaliex il-gidma kienet viċin tal-għaksa. Spjegat li meta rat lill-attur l-ewwel darba, dan kien għadu bil-punti, u kien għadu jmur iċ-Ċentru tas-Saħħa sabiex tkun tista' titnaddaflu l-ferita. Spjegat li dak iż-żmien l-attur kellu limitazzjoni kbira fil-moviment tal-għaksa, u ma setax jitfa' piż fuq saqajh, għalhekk kien jimxi bil-krozzi. Ix-xhud kompliet tgħid li mid-*discharge letter* li ngħata l-attur, jirriżulta li dan għandu tmien gradi inqas biex itella' l-pala ta' saqajh 'il fuq, u għaxar gradi inqas biex iniżżel il-pala 'l isfel. Spjegat li minkejja li l-attur m'għandu l-ebda problema biex isuq, is-sewqan jista' jikkawżalu uġigħ għax ikun qiegħed jagħmel forza fuq il-pala ta' saqajh, filwaqt li qalet li ċerti attivitajiet ser jikkawżawlu aktar diffikultajiet, bħal pereżempju,

[17] *A fol.* 78 tal-proċess.
[18] *A fol.* 83 tal-proċess.

it-tlugħ fuq sellum. Ix-xhud qalet ukoll li meta l-attur ġie rilaxxat wara seba' xhur terapija, kien għadu mhux jimxi b'mod normali, u għalhekk kien rakkommandat li dan jingħata *hydrotherapy* f'pixxina.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Dr Marcel Martinelli**[19], li qal li huwa t-tabib prinċipali taċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Qormi, u ppreżenta d-dokumenti marbuta ma' dan l-inċident li sofra l-attur.[20]

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2016, xehdet **Doris Vella Cassia**[21], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017, xehed **Mr Ivan Esposito**[22], konsulent tal-ortopedija fl-Isptar Mater Dei, li qal li huwa kien il-konsulent tal-għassa meta ddaħħal l-Isptar l-attur, bi ġrieħi fil-parti t'isfel tar-riġel tax-xellug madwar l-għaksa. Ix-xhud qal li l-attur ġie operat l-għada, sabiex setgħu jiġu eżaminati mill-qrib il-feriti li kellu, u jkun jista' jingħata trattament lokalizzat fejn kien hemm ħsara fil-fond. Ix-xhud qal li minkejja li l-ferita li kellu l-attur fieqet wara xi żmien, dan kien għadu jbati minn uġigħ u minn restrizzjonijiet fil-moviment. Ix-xhud iżda stqarr li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jiddetermina jekk l-attur sofriex ġrieħi ta' natura permanenti.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2017 xehed **Joseph Delia**[23], il-konvenut, li qal li huwa kien sar jaf lill-attur għax huma t-tnejn mis-Siġġiewi, u huwa kien jaf li l-attur jagħmel xogħol ta' ġardinar. Qal li jum fost l-oħrajn huwa ltaqa' mal-attur

[19] *A fol.* 88 tal-proċess.
[20] *A fol.* 90 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 95 tal-proċess.
[22] *A fol.* 298 tal-proċess.
[23] *A fol.* 311 tal-proċess.

fil-pjazza tas-Siġġiewi, u kien qallu li għandu daqs jumejn xogħol għalih, peress li huwa għandu *farmhouse* fejn għandu ħafna siġar. Il-konvenut qal li l-ewwel biċċa xogħol li talab lill-attur jagħmel kienet iż-żabra ta' siġra li kienet qiegħda tgħattilu l-panelli u taqta' d-dawl tal-*farmhouse,* iżda meta ra lill-attur jaħdem, huwa kien induna li l-għodda li kien qiegħed juża l-attur ma kinitx ideali għal dak ix-xogħol, u għalhekk kien tah mutur akbar. Il-konvenut qal li l-attur beda jferfex waqt ix-xogħol, u huwa beda jwissih li ser iweġġa'. Qal li wara ftit tal-ħin l-attur waqa' minn fuq is-siġra u ġie fiz-zkuk li kien diġà qata', u xi ħin wara anki ħassu ħażin bil-qatgħa li ħa. Il-konvenut qal li dak il-ħin marru jduru bih hu u l-mara tiegħu u anki offrewlu li jwassluh iċ-ċentru tas-saħħa, iżda l-konvenut baqa' jirrifjuta l-għajnuna. Il-konvenut qal li minkejja li ftit tal-ħin wara l-attur ipprova jkompli jaħdem billi jiżbor xi siġar tal-palm li huwa għandu fuq ġewwa tad-dar, minkejja li kien evidenti li kien għadu muġugħ, wara xi ħin dan kellu inċident ieħor, meta waqa' minn fuq is-sellum fejn kien qiegħed jaħdem. Qal li dak il-ħin huwa stess talab lill-attur jitlaq minn fuq is-sit għax deherlu li dan ma kienx jiflaħ ikompli jaħdem. Qal li l-għada għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu, ħabbat il-bieb tad-dar u kien hemm l-attur biex ikompli jaħdem. Il-konvenut qal li kien ħaseb li l-attur ma kienx ser ikompli x-xogħol wara li lejliet kien weġġa', iżda dan baqa' jinsisti li kien jiflaħ jaħdem. Qal li hekk kif daħal ġewwa, l-attur beda jniżżel l-għodda minn ġol-vann, u x-xhud daħal ġewwa jixrob kafè li kellu mferra, meta beda jisma' lill-attur jgħajjat. Spjega li xħin ħareġ barra, l-attur qallu li kien gidmu l-kelb. L-attur qal li minkejja li l-kelb kien qiegħed jiġri fil-ġnien, dan qatt m'għamel għal ħadd, allavolja huwa kelb tal-għassa u kien jinbaħ jekk imur iħabbat xi ħadd.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2017 xehdet **Pauline Delia**[24], mart il-konvenut, li qalet li hija saret taf lill-attur wara li r-raġel tagħha talbu jagħmlilhom xi xogħol fil-ġnien. Qalet li l-ewwel darba li dan mar jaħdem id-dar tagħhom, ir-raġel tagħha kien induna li dan ma kellux l-għodda meħtieġa biex jagħmel ix-xogħol li ntalab jagħmel, u wara xi ħin dan waqa' minn fuq is-siġra li kien qiegħed jiżbor, u ġie fiz-zkuk u xi terrapien li kien hemm fl-art. Ix-xhud spjegat li wara xi ħin l-attur daħal ikompli xi xogħol fuq in-naħa ta' ġewwa, u wara ftit waqa' minn fuq is-sellum li kien qiegħed jaħdem fuqu. Żiedet tgħid li kien dak il-ħin li rrimarkatlu li huwa mferfex, u l-attur kien weġibha li kellu diversi inċidenti. Ix-xhud qalet li wara li l-attur waqa' minn fuq is-sellum, beda jzappap, u għalhekk wara xi ħin l-attur u l-lavrant li kellu miegħu telqu mid-dar tal-konvenut. Żiedet tgħid li l-għada l-attur mar biex ikompli jaħdem fid-dar tal-konvenut, u sakemm l-attur beda jniżżel l-għodda mill-vann, hi u r-raġel tagħha daħlu ġewwa biex jieħdu ftit kafè. Kien dak il-ħin, spjegat ix-xhud, li bdiet tisma' lill-attur jgħajjat, u meta hi u r-raġel tagħha ħarġu biex jaraw x'kien ġralu, dan qalilhom li kien gidmu l-kelb. Ix-xhud spjegat li l-kelb inkwistjoni huwa meqjus bħala parti mill-familja tagħhom, u dan qatt ma kien għamel għal ħadd. Qalet li minkejja li l-attur beda jgħajjat bl-uġigħ, hija ma setgħet tara l-ebda traċċi ta' demm, u meta marret iġġib xi diżinfettant u odju sabiex tkun tista' ddewwilu l-ferita, fil-verità hija ma setgħet taralu l-ebda ferita. Ix-xhud qalet li l-kelb huwa tar-razza *german shepherd,* u pulizija kien qalilha li meta kelb ta' dik ir-razza jigdem lil xi ħadd, snienu jeħlu u lanqas erbgħa min-nies ma jkunu jistgħu jaqilgħuh. Qalet li dan ma kienx il-każ bil-kelb tagħhom għaliex hi mill-ewwel qabditu u daħħlitu 'l ġewwa. Ix-xhud qalet li meta marret tara lill-attur l-isptar diversi drabi, dan qatt ma reġa' semma' l-kelb, u l-unika darba li

[24] *A fol.* 321 tal-proċess.

dan qal li weġġgħu l-kelb, kien dakinhar tal-inċident. Kompliet tgħid li xi xahar wara ir-raġel tagħha kien offra xi ħaġa tal-flus lill-attur sabiex jikkumpensah għal xi xogħol li seta' tilef, imma l-attur irrifjuta dawn il-flus, u żiedet tgħid li xi żmien wara huma kienu rċevew ittra mingħand l-avukat tal-attur. Ix-xhud qalet li minkejja li l-kelb għandu kamra li jorqod fiha, ħafna drabi jitħalla jdur mal-membri tal-familja tagħha. Żiedet tgħid li meta jara lil xi ħadd, dan il-kelb ikun irid jilgħab, u jipprova jattira l-attenzjoni billi jinbaħ. Qalet li meta l-attur beda jgħajjat bl-uġigħ, il-kelb aktar beda jinbaħ. Ix-xhud qalet li r-raġuni għalfejn l-attur mar l-isptar kienet minħabba fil-waqgħa li kellu u mhux minħabba li ngidem mill-kelb.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017.[25] L-attur qal li wara li kellu l-inċident, kien biss f'Novembru tal-2016 li reġa' beda jaħdem. Qal li f'dan il-perijodu huwa kien imur fuq il-lantijiet tax-xogħol u kien jagħmel xogħol ta' superviżjoni għax ma kienx jiflaħ jaħdem. Qal li x-xogħol tiegħu jirrikjedi li jkun fuq saqajh il-ħin kollu, u kien għalhekk li ma setax jaħdem għal dan it-tul ta' żmien. L-attur qal li f'dak iż-żmien huwa seta' jsuq biss vettura *automatic,* u l-*bowser* tal-ilma ma kienx jiflaħ isuqu. L-attur ġie mistoqsi li inqas minn xahrejn wara l-inċident, kien intlemaħ jaħdem u jsuq it-trakkijiet tax-xogħol, iżda l-attur insista li dan ma kienx minnu. L-attur qal li qabel seħħ l-inċident, huwa kellu żewġ ħaddiema *part-time* jaħdmu miegħu, u wara l-inċident dawn bdew jaħdmu *full-time.* Qal ukoll li dak iż-żmien kien fil-proċess li jdaħħal aktar nies miegħu. Kompla jgħid li minkejja li l-volum tax-xogħol żdiedlu, il-profitti naqsulu għax naqas l-involviment tiegħu fuq ix-xogħol. L-attur qal li huwa beda jaħdem fid-dar tal-konvenut lejlet li seħħ l-inċident, u l-ewwel biċċa xogħol li ntalab jagħmel kienet iż-żabra ta' siġra tal-*eucalyptus.*

[25] *A fol.* 347 tal-proċess.

Qal li meta mar biex jiżbor din is-siġra, il-mutur tiegħu ma ħadimx, u għalhekk il-konvenut kien tah mutur tiegħu. L-attur ikkonferma li waqt li kien qiegħed iqaċċat iz-zkuk ta' din is-siġra, waqa' u ġie fuq il-ħaxix. L-attur qal li hu waqa' għoli ta' bniedem medju, u żied jgħid li mhux minnu li waqa' għaliex kien qiegħed jaħdem b'mod traskurat. Żied jgħid li filwaqt li huwa minnu li għamel xi ħin izappap, wara xi ħin kien kompla jaħdem b'mod normali. L-attur qal li mhux minnu li aktar tard dakinhar huwa waqa' minn fuq sellum.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017 xehed **Franklin Delia**[26], iben il-konvenut, li qal li kien jaf lill-attur għax missieru kien talbu jmur jimlilhom l-ilma bil-*bowser.* Ix-xhud qal li daqs xahrejn wara, missieru, li dak iż-żmien kien weġġa' u kiser idejh, kien reġa' talab lill-attur jagħmel xi xogħol ta' żbir tas-siġar għax ma setax jagħmel ix-xogħol hu. Qal li l-attur beda jaħdem b'mutur żgħir, li ma kienx ideali għax-xogħol li ried jagħmel, u meta ra hekk missieru tah mutur akbar. Iżda l-ġenituri tiegħu mill-ewwel indunaw li l-attur beda jfexfex u ma bediex jaħdem sew bih. Qal li missieru kien ġibidlu l-attenzjoni li kien se jweġġa', imma l-attur baqa' jaħdem, u wara xi ħin waqa' minn fuq is-siġra. Ix-xhud qal li s-siġra li kien qiegħed jiżbor l-attur kienet għolja u kienet qiegħda tgħatti l-panelli installati fuq il-bejt tal-proprjetà tal-ġenituri tiegħu, li hija mibnija sular wieħed. Ix-xhud qal li xħin waqa' l-attur, dan sab ruħu mal-art qalb iz-zkuk u t-terrapien, u wara xi ħin intefħitlu saqajh u ħassu ħażin. Ix-xhud kompla jgħid li xi ħin wara, l-attur mar mal-lavrant jarmi z-zkuk u l-affarijiet li kien żabar, imbagħad ġie d-dar tal-ġenituri tiegħu biex ikompli jaħdem. Ix-xhud qal li ommu kienet irrimarkat lill-attur li kien ifexfex fix-xogħol, u dak il-ħin dan weġibha li huwa kellu diversi inċidenti, fosthom wieħed fejn waqa' bit-trakk f'barriera. Qal li huwa jaf li dakinhar l-attur kompla jaħdem, u li aktar tard wara

[26] *A fol.* 366 tal-proċess.

nofsinhar dakinhar stess, l-attur waqa' minn fuq sellum waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ieħor fid-dar tal-konvenut. Ix-xhud qal li madwar xahrejn wara huwa kien ra lill-attur ħiereġ mill-garaxx fejn iżomm l-għodda u l-affarijiet tax-xogħol flimkien mal-ħaddiema tiegħu, u dakinhar ix-xhud kien iddeċieda li jieħu xi ritratti li ġew esebiti. Qal li huwa kien ikun ta' spiss fl-akkwati fejn għandu l-garaxx l-attur, għax ix-xhud sejjer joqgħod fl-istess triq u spiss jinzertah fl-inħawi billi jmur jiftaħ il-post għall-ħaddiema tiegħu. Kompla jgħid li meta ra lill-attur madwar xahrejn wara l-inċident, dan ma kienx qiegħed izappap. Ix-xhud qal li hu ma jemminx li l-kelb tal-ġenituri tiegħu gidem lill-attur, għax dan qatt ma gidem lil ħadd u huwa kelb li jħobb jilgħab man-nies. Qal li huwa jieħu ħsieb li joħroġ lil dan il-kelb darbtejn kuljum, u meta joħorġu dan ikun liebes ċinga, imma ikun hemm drabi fejn iħollu ċ-ċinga u jħallih jilgħab viċin in-nies jew ma' klieb oħra. Ix-xhud esebixxa żewġ ritratti, wieħed li juri lill-kelb tiegħu qiegħed jilgħab ma' kelb iżgħar minnu, u ritratt ieħor li juri l-kelb jilgħab ma' tifla żgħira li x-xhud qal li ma kinux jafuha qabel.[27] Ix-xhud ippreżenta wkoll USB b'*video* li juri tifla qiegħda tgħallem lill-kelb, kif ukoll *videos* oħra li juru lill-kelb jilgħab mat-tfal.[28] Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-ewwel darba li l-attur mar jaħdem fid-dar tal-ġenituri tiegħu, dan waqa' darbtejn, l-ewwel darba għoli ta' sular u nofs u t-tieni darba minn fuq sellum. Qal li mal-ewwel waqgħa, l-attur għajjat ħafna, u hu kien mar jiġri ħdejh u tfielu l-mutur li kien għadu f'idejh. Ix-xhud qal li dak il-ħin huwa ssuġġerixxa li l-attur m'għandux ineħħi ż-żarbun minn saqajh, u qal li dak il-ħin l-attur kien liebes *running shoes* u mhux żarbun protettiv. Qal li hu seta' jara li sieq l-attur bdiet tintefaħ in-naħa tal-għaksa, u dak il-ħin il-ġenituri tiegħu offrewlu li jwassluh saċ-ċentru tas-saħħa, iżda l-attur irrifjuta. Kompla jgħid li wara xi ħin l-attur u l-

---

[27] *A fol.* 398 tal-proċess.
[28] *A fol.* 399 tal-proċess.

lavrant li kellu miegħu marru jarmu l-materjal taż-żbir tas-siġar, u wara l-attur reġa' mar ikompli jaħdem. Qal li għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs tal-istess ġurnata, l-attur waqa' minn fuq sellum. Ix-xhud qal li l-kelb inkwistjoni kien ilu għand il-ġenituri tiegħu madwar erba' snin u tul dan iż-żmien il-kelb qatt ma gidem lil ħadd. Ix-xhud qal li huwa kien mar jara lill-attur l-isptar u meta rah kellu saqajh infaxxata. Qal ukoll li xi jiem wara li seħħ l-inċident, huwa kien mar id-dar tal-attur sabiex iħallsu tax-xogħol li kien għamel u ħa mija u ħamsin Euro miegħu, iżda omm l-attur kienet irrifjutat dawn il-flus.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Settembru 2017, kompla jixhed il-konvenut **Joseph Delia**[29], li qal li fl-ewwel ġurnata li l-attur mar jaħdem id-dar tiegħu, huwa kien talbu jiżborlu siġra. Qal li l-mod kif beda jaħdem l-attur beżżgħu, u ġibidlu l-attenzjoni madwar sitt darbiet li kien ser iweġġa', iżda l-attur baqa' jaħdem bl-istess mod, sakemm f'ħin minnhom waqa' minn fuq is-siġra. Qal li huwa kien ta *chain saw* kbir lill-attur peress li l-għodda li ħa miegħu l-attur ma kienitx adegwata, u meta tah iċ-*chain saw* tiegħu, kien qal lill-attur biex joqgħod attent għax seta' jweġġa' bih. Imma l-attur lanqas biss ta kasu, u kompla jaħdem, sakemm ħin minnhom sema' lill-attur jgħajjat bl-uġigħ għax kien waqa' minn fuq is-siġra. Il-konvenut qal li wara li stejqer, l-attur kompla jaħdem fuq in-naħa ta' ġewwa billi tela' fuq sellum, iżda ftit tal-ħin wara waqa' minn fuqu. Ix-xhud qal li dak il-ħin huwa qal lill-attur li ma setax ikompli jaħdem kif kien. Qal li l-għada l-attur mar biex ikompli jaħdem fid-dar tiegħu, iżda kif kien ser jibda x-xogħol, allegatament seħħ l-inċident tal-kelb. Il-konvenut spjega li l-kelb qatt ma jkun imsakkar jew maqful, u huwa dejjem iħallih jiġri u jitħallat man-nies li jiġu d-dar. Kompla jgħid li dik ma kienitx l-ewwel darba li l-attur iltaqa' mal-kelb tiegħu, għax ta' kull sena fil-bidu tas-Sajf

[29] *A fol.* 402 tal-proċess.

hu jitlob lill-attur imur jimlilu l-pixxina bl-ilma bil-*bowser*, u żied jgħid li l-kelb dejjem iġib ruħu tajjeb man-nies. Il-konvenut qal li l-attur qatt ma qallu biex jorbot il-kelb jew li kien qiegħed idejqu. Qal ukoll li wara li l-attur qal li kien gidmu l-kelb, kien huwa li ħadu ċ-ċentru tas-saħħa, u minn hemm ntbagħtu l-Isptar. Il-konvenut qal li l-mara tiegħu kienet ippruvat iddewwi lill-attur, u meta neħħewlu ż-żarbun setgħu jaraw li dan lanqas qatra demm ma kellu, u kull ma kellu kien tbenġil. Żied jgħid li meta l-kelb kien qiegħed barra, ftit mumenti qabel li l-attur beda jgħid li kien gidmu, ma kiex sema' l-kelb jinbaħ, u meta l-attur kien mal-art, il-kelb kien qiegħed ħdejh u ħdejn martu. Il-konvenut qal li l-attur kellu biss ftit grif li għamel meta waqa' qalb iz-zkuk.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017, sar il-kontroeżami ta' **Tonio Mifsud**[30], impjegat mal-attur, li qal li hu akkumpanja lill-attur d-dar tal-konvenut il-ġurnata ta' qabel seħħ l-inċident. Żied jgħid li dakinhar il-kelb kien magħluq f'kamra, u beda jinbaħ u jogħla mal-bieb tal-kamra li ma kienx daqstant f'saħħtu għax beda jitheżżeż bis-saħħa li beda jagħmel miegħu l-kelb. Qal li f'ħin minnhom il-mara tal-konvenut kienet qaltilhom li l-kelb iħobb jagħmel għas-saqajn. Ix-xhud ikkonferma li waqt li hu u l-attur kienu qegħdin jiżbru siġra tal-akaċċja fuq barra tal-proprjetà tal-konvenut, l-attur waqa' minn fuq is-siġra. Ix-xhud qal li l-konvenut u martu fl-ebda ħin ma marru biex jaraw l-attur x'kien ġralu, u dak il-ħin l-attur mill-ewwel qam mill-art u kompla b'xogħlu. Ix-xhud qal li mhux minnu li aktar tard dakinhar stess l-attur reġa' waqa', u huma telqu mid-dar tal-konvenut wara li kien diġà dalam. Ix-xhud qal li qabel seħħ l-inċident, l-attur kien jieħu sehem attiv fuq ix-xogħol, imma wara l-inċident l-attur beda jmur fuq il-lantijiet tax-xogħol sabiex jagħmel biss xogħol ta' sorveljanza, u l-vann kien isuqu xi ħadd mill-ħaddiema. Ix-xhud qal ukoll li li

[30] *A fol.* 435 tal-proċess.

qabel seħħ l-inċident huwa kien jaħdem mal-attur fuq bażi *part-time,* iżda wara l-inċident beda jaħdem miegħu fuq bażi *full-time.*

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018, sar il-kontroeżami ta' **Mr Ivan Esposito**[31], li qal li t-tim mediku li eżamina lill-attur l-Isptar, kien wasal għall-konklużjoni li dan kien ingidem minn kelb, kemm minħabba fl-istorja mogħtija mill-attur innifsu, kif ukoll minħabba li s-sejbiet kliniċi kienu jindikaw li dan kellu *puncture wounds* kompatibbli ma' gidma minn annimal li għandu n-nejbiet. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu bżonn it-terapija għal xi żmien minħabba l-feriti li kellu.[32] Ix-xhud qal li kieku l-feriti li kellu l-attur kienu r-riżultat ta' xi waqgħa, wieħed kien jistenna li dan ikollu xi ħsara fl-għadam, iżda f'dan il-każ mill-*x-rays* tal-għaksa u tas-sieq li ttieħdulu, ma rriżultax li kien hemm ksur. Qal ukoll li minkejja li ma jistax jeskludi li l-ferita saret minn brix biz-zkuk, huwa seta' jikkonstata wkoll li l-*puncture wounds* huma "*equally spaced",* li jindika li dawn saru minn xedaq. Qal ukoll li zokk jikkawża ħafna aktar ħsara milli sempliċement *puncture wounds.* Ix-xhud qal li wara t-trattamenti li ngħata l-attur, kien ġie riferut il-*pain clinic* għaliex baqa' ma kisibx il-moviment li kellu qabel.

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Carmel Mizzi**[33], li spjega li huwa kien imur ma' ibnu sabiex jassistih meta jkun qiegħed jagħmel xi biċċa xogħol. Qal li wara li ħabbat il-bieb tad-dar tal-konvenut u daħal ġewwa, sab lil ibnu mixħut wiċċu mal-kaxxa tal-vann minħabba li kien gidmu l-kelb. Ix-xhud qal li huwa kien jaf li ġurnata qabel ibnu kien waqa' minn fuq siġra. Qal li hu lill-kelb

[31] *A fol.* 450 tal-proċess.

[32] Fi kliem ix-xhud, "Minħabba fit-tip ta' *injury,* kien hemm ħsara lil wieħed mill-għeruq tat-*tendons,* it-*tendon* prinċipali l-*achilles tendon.* Mill-*injury* nnifisha allavolja jara *puncture wounds* hemmhekk, dak hemm qegħdin *straddling the ankle joint* jiġifieri ser ikun hemm ħsara wkoll lill-ġog innifsu mingħajr ma jkollok ksur u bejn l-uġigħ u bejn ir-restrizzjoni biex wieħed jipproteġi r-*repair* tat-*tendon* għal ċertu żmien, ser ikollok *residual stiffness* wara, għalhekk tkun trid it-terapija."

[33] *A fol.* 457 tal-proċess.

tal-konvenut ma rahx, iżda seta' jisimgħu jgħajjat, u żied jgħid li ibnu kellu tiċrita fil-parti ta' wara ta' siequ, u kien ħiereġ id-demm minnha.

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu, 2019, il-Qorti ħatret lil **Dr Joseph Cassar** bħala espert psikjatriku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar l-istat ta' saħħtu, sabiex jiġi stabbilit jekk b'riżultat tal-inċident, dan ġarrabx debilità permanenti u f'liema grad. Dr Cassar ippreżenta r-rapport tiegħu fil-25 ta' April, 2019[34], fejn ikkonkluda li l-attur għadu jsofri minn ansjetà u nevrożi trawmatika *(post traumatic stress disorder)* b'rata ta' diżabilità ta' tnax fil-mija (12%):

> *"Dawn jiġru wara sintomi mentali kaġunati permezz ta' ġrajja f'daqqa, mhux mistennija u brutali ta' fatt trawmatiku li ma jkunx jista' jlaħħaq miegħu l-individwu.*
>
> *Il-fattur ta' tensjoni għandu jkun qawwi u/jew fit-tul.*
>
> *Il-ġrajja suppost li tkun miftakra tajjeb.*
>
> *Il-grupp ta' sintomi jinkludi ansjetà ta' fobja, komportament li jevita n-nies, disordni ossessiva u koattiva u bidla fil-personalità. Anki jekk ikkurati kmieni, il-każ ma jistax jiġi stmat qabel sentejn jew ċirka wara l-fatt."*

Il-kontroeżami ta' **Dr Joseph Cassar** sar waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2019[35], fejn spjega li huwa wasal għar-rata ta' diżabilità permanenti li qiegħed isofri minnha l-attur, abbażi ta' dak li qallu l-attur, kif ukoll wara li kien ovvju għalih li l-attur kien qiegħed jesperjenza ansjetà meta jitkellem dwar dak li għadda minnu.

Il-kontroeżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2019[36], fejn spjega li għadu jaħdem bħala ġardinar, u maż-żmien żied fix-xogħol, u anki żied in-numru ta' lavranti li jħadmu miegħu. L-attur qal li wara l-inċident huwa

[34] *A fol.* 534 tal-proċess.
[35] *A fol.* 549 tal-proċess.
[36] *A fol.* 558 tal-proċess.

għadu jesperjenza xi restrizzjonijiet, partikolarment minħabba limitazzjonijiet fil-moviment ta' saqajh, u l-biżgħa li għandu mill-klieb u għalhekk jevita li jmur jaħdem f'postijiet fejn ikun hemm il-klieb. Żied jispjega li hu ma jistax jagħfas il-*clutch* tal-karozza li jkun qiegħed isuq u lanqas jista' jitla' fuq slielem.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra tibda tindirizza t-talbiet tal-attur billi tagħmel analiżi tal-provi miġjuba, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk fl-ewwel lok il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. F'din il-kawża hemm diverġenzi kbar bejn ix-xhieda mogħtija mill-attur u x-xhieda prodotti minnu fuq naħa, u x-xhieda mogħtija mill-konvenut u x-xhieda mressqin minnu. L-attur spjega li jaħdem bħala ġardinar fid-djar tan-nies, u fil-15 ta' Diċembru, 2015, huwa kien mar id-dar tal-konvenut sabiex jagħmel xogħol ta' żbir ta' siġar. Spjega li l-inċident seħħ waqt li huwa kien għadu qiegħed iħott l-għodda li kellu fil-vann, meta f'ħin minnhom il-kelb tal-konvenut ħataflu sieqα u kkawżalu ferita viċin l-għaksa, fil-parti ta' wara tas-sieq. L-attur qal li minkejja li sid il-kelb, il-konvenut, irnexxielu jaqla' lill-kelb minn miegħu, wara ftit il-kelb reġa' attakkah. L-attur spjega li wara l-inċident huwa kien muġugħ ħafna, u kien mar għall-kura fiċ-ċentru tas-saħħa, u minn hemm kienu bagħtuh l-Isptar fejn sarlu intervent kirurġiku. Il-Qorti semgħet kif dan l-inċident affettwa ħafna lill-attur, tant hu hekk kellu jieqaf mix-xogħol għal xi żmien u għal diversi xhur, sa Novembru tal-2016, għad li l-attur kien baqa' jmur fuq il-lantijiet tax-xogħol mal-lavranti tiegħu, imma biex jissorvelja x-xogħol u mhux jaħdem bħalma kien qabel. Minħabba f'hekk kellu jżid in-numru ta' ħaddiema li jaħdmu miegħu. L-

attur qal li dan l-inċident affettwah psikoloġikament u għadu sal-lum jibża' jidħol jagħmel xogħol fi proprjetajiet fejn ikun hemm il-klieb.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' missier l-attur, Carmel Mizzi, li qal li hu kien mar id-dar tal-konvenut sabiex jagħti daqqa t'id lil ibnu fuq ix-xogħol, u kif wasal sab lil ibnu jibki bl-uġigħ, hekk kif dak il-ħin kien għadu kif gidmu l-kelb tal-konvenut. Dan ix-xhud iddeskriva dak li għadda minnu ibnu fil-ġranet meta kien rikoverat l-isptar, partikolarment għax ibnu kien ingħata mediċina li ma qablitx miegħu u għal xi ħin beda jintilef minn sensih. Ix-xhud spjega wkoll li meta ibnu ttieħed l-Isptar, dan kellu sitt toqbiet u tiċrita fil-parti ta' wara ta' siequ.

Tonio Mifsud, lavrant tal-attur li kien qiegħed jaħdem miegħu fid-dar tal-konvenut il-ġurnata ta' qabel seħħ l-inċident, spjega li lejliet l-inċident huwa kien sema' lill-kelb inkwistjoni jinbaħ u jheżżeż snienu, u dan tant kien aggressiv li beda saħansitra jheżżeż il-bieb tal-kamra fejn kien miżmum. Ix-xhud qal li hu sema' lil mart il-konvenut tgħid li l-kelb tagħha jħobb jagħmel għas-saqajn tan-nies.

Tobba u speċjalisti li eżaminaw lill-attur fil-ġranet ta' wara l-inċident, ilkoll spjegaw li l-feriti li kellu l-attur kienu kompatibbli ma' gidma minn annimal bin-nejbiet. Fir-risposti tiegħu in kontro-eżami, Mr. Ivan Esposito qal li minkejja li huwa ma jistax ikun ċert mija fil-mija x'kien li kkawża l-inċident, il-feriti li kellu l-attur huma kompatibbli ma' gidma minn annimal, anki minħabba li d-distanza bejn it-toqob li kellu fil-ġilda l-attur tikkombaċja mal-forma ta' xedaq. Qal ukoll li kieku l-feriti li kellu l-attur ġew ikkawżati meta waqa' qalb iz-zkuk u t-terrapien li kien hemm taħt is-siġra, il-feriti kienu jkunu differenti u possibilment kienu jinkludu ksur fl-għadam. Il-fiżjoterapista Joanne Cardona

spjegat li t-terapija li kellu bżonn l-attur kienet għal *post-dog-bite* u kellu bżonn terapija intiża biex tikseb lura l-moviment fl-għaksa li kienet għadha riġida.

Min-naħa l-oħra il-Qorti semgħet lill-konvenut u lil martu jixħtu dubji dwar jekk kienx minnu li l-feriti li sofra l-attur ġew ikkawżati minn gidma ta' kelb. Il-konvenut qal li ma jistax ikun li l-kelb tiegħu għamel għall-attur, għax dan qatt ma ġab ruħu b'dak il-mod man-nies. Żied jgħid li dan huwa kelb tal-għassa li jinbaħ meta jara nies li ma jafhomx. Il-konvenut qal li l-kelb la kien marbut u lanqas kien maqful f'xi kamra, u dan kien jitħalla jiġri fid-dar taħt għajnejn sidu. Il-konvenut, martu u binhom Franklin, ilkoll xehdu li l-attur kellu l-ewwel inċident fid-dar tagħhom meta dan waqa' minn fuq siġra fl-14 ta' Diċembru, 2015, lejliet l-inċident li kien jinvolvi l-kelb. Il-konvenut u martu t-tnejn ippruvaw jagħtu l-impressjoni lill-Qorti li l-attur ma kienx jaf xogħlu, jew li kien traskurat f'xogħlu, u qalu li l-ewwel inċident li kellu l-attur fid-dar tagħhom kien meta dan waqa' minn fuq siġra b'*chain saw* kbir li l-konvenut kien tah sabiex ikun jista' jqaċċat xi friegħi. Il-konvenut saħansitra ta l-impressjoni li l-attur ma kienx jaf juża sew din l-għodda, u hu wissieh diversi drabi li jekk ma joqgħodx attent kien ser jispiċċa jweġġa'. Mart il-konvenut, Pauline Delia, ukoll qalet li meta hija rrimarkat li l-attur kellu joqgħod aktar attent f'xogħlu, dan kien qalilha li fil-passat kellu diversi inċidenti koroh u li saħansitra kellu jmut diversi drabi. Il-konvenut u martu t-tnejn qalu li l-kelb tagħhom qatt ma ħebb għal ħadd qabel, u meta l-attur beda jgħid li kien gidmu l-kelb u rawh jgħajjat bl-uġigħ, huma ma setgħu jaraw l-ebda ferita jew dmija. Kemm il-konvenut kif ukoll martu ppruvaw jagħtu l-impressjoni lill-Qorti li l-attur kien għadu mweġġa' mill-waqgħa tal-ġurnata ta' qabel, u din tal-kelb kienet storja maħluqa mill-attur sabiex jara kif jagħmel u jfittixhom għad-danni.

Il-Qorti f'każijiet bħal dawn, tagħti piż qawwi lill-provi oġġettivi mressqa fil-kawża, partikolarment f'dan il-każ ir-ritratti esebiti, u x-xhieda mogħtija mill-konsulent ortopediku Mr. Ivan Esposito. Minkejja li dan ix-xhud ma riedx jikkommetti ruħu mija fil-mija dwar x'kien li kkaġuna l-feriti sofferti mill-attur, hu elabora dwar is-sejbiet kliniċi li jagħtu ħafna kredibbilità lit-teżi tal-attur li ġie migdum mill-kelb tal-konvenut, partikolarment minħabba l-forma tal-feriti li kellu fuq il-ġilda. Mir-ritratti esebiti mill-attur, jidher ċar ukoll li l-konvenuti ppruvaw iċekknu d-daqs tal-ħsara sofferta minnu, għaliex huwa inverosimili ħafna li immedjatament wara li l-attur kellu l-inċident, huma ma raw ebda traċċi ta' dmija u ma raw xejn għajr xi tbenġil jew grif miz-zkuk li l-attur waqa' fihom il-ġurnata ta' qabel. Mir-ritratti esebiti jidher ċar li l-ferita tal-attur hija kompatibbli ferm ma' gidma, u tista' tiġi deskritta aħjar bħala tiċrita fil-ġilda, ikkawżata minn gidma ta' annimal, kif wara kollox stqarr Mr. Ivan Esposito. Kien hawnhekk li l-konvenut, martu u ibnu ma kienux kredibbli fix-xhieda tagħhom, għaliex ir-ritratti esebiti juru ċar x'tip ta' ferita kellu l-attur u li din ma ġietx ikkawżata minn waqgħa imma minn gidma ta' kelb. Barra minn hekk il-Qorti qieset li l-konvenut stess ammetta li l-kelb inkwistjoni huwa kelb tal-għassa li jinbaħ meta jara lil xi ħadd ġdid fil-proprjetà ta' sidu, u minkejja dan, huwa xorta naqas milli jorbtu jew jassigura li dan ma jagħtix fastidju lill-attur, li mar jagħmel xogħol fil-proprjetà tiegħu. Il-konvenut jipprova jaħrab mir-responsabbilità għall-akkadut billi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jallega li l-attur huwa bniedem li ma kellux ħajja faċli u li huwa imdorri fit-tbatija u li kien għadda minn sensiela ta' diżastri, u saħansitra jqabbel is-sitwazzjoni u t-trobbija tal-attur mal-ħajja privileġġjata li jgħix hu, bħallikieku dan huwa fattur li seta' jiskużah milli jassigura li l-ħaddiema li jmorru jipprovdu xi servizz fid-dar tiegħu jkollhom ambjent sigur fejn jaħdmu. L-inqas ħaġa li seta' jagħmel il-

konvenut kienet li minflok jassumi li l-kelb tiegħu ser joqgħod kwiet, meta fil-fatt huwa stess stqarr li l-kelb tiegħu huwa tal-għassa li jinbaħ meta jara l-barranin, huwa li jżommu maqful u f'post fejn jaf li ma jista' jagħti fastidju u jweġġa' lil ħadd. Minflok dan il-kelb tħalla jiġri mal-ġnien tal-konvenut, bir-riżultat li kif xamm persuna ġdida fid-dar ta' sidu, dan għamel għaliha.

L-azzjoni attriċi hija bbażata fu l-artikolu 1040 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi:

> "Is-sid ta' annimal jew il-persuna li tagħmel użu minn annimal għaż-żmien li tagħmel użu minnu, iwieġbu għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna, sew jekk ikun jinsab taħt idejhom jew jekk ikun intilef jew ħarab."

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pacifico Fenech *vs.* William Ronald Murphy**[37]:

> "Din ir-responsabbiltà tista' tigi eskluza bil-prova li l-fatt kien dovut għall-forza magguri jew għall-ħtija tad-danneġġjat stess. Fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Scicluna vs Paolo Zahra** deċiża minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar 1967 (Vol. LI.ii.804) intqal inter alia:
>
> "Li, però, ma jistax jiġi eskluż li dina r-responsabbiltà obbjettiva tigi nieqsa meta jirriżulta li l-inċident li fih kien involut annimal, kien dovut għall-każ fortuwitu, jew *forza maggiore*; jew għall-ħtija tad-danneġġjat (App. Toma, 3 Agosto 1927; La Giustizia, art. 1928, 8; Cassaz. Torino, 27 Maggio 1911, in re 'Contini vs An. Momnibus', Ital. 1911, 1, 1, 1206).
>
> "Li, meta jagħti l-każ li annimal jipprovoka dannu lil ħaddieħor *'per proprio impulso' ('secondum natura')*; dana jimplika r-responsabbiltà tas-sid, mingħajr dana ma jista' jiġi ammess jipprova l-assenza tal-ħtija tieghu, billi r-responsabbiltà tiegħu hija preżunta mil-liġi. Tipiku huwa l-kaz ċitat mill-imsemmi awtur Perretti-Griva (op. Cit. Pag. 194): *'Se un cane si avventa contro un ciclista, commette un fatto esclusivamente riferibile all'impulso del cane, del quale dovrà rispondere il proprietario dell'animale o chi di questo si serve, in quanto ne deriva un danno in diretto riferimento col fatto dell'essersi il cane avventato'*."

[37] Q.A., 03.11.2006.

> "Ara wkoll **Lorenzo Mercieca vs Salvatore Zammit** deċiża minn minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu 1963 (Vol.XLVII.ii.683)."

Fil-każ in eżami huwa evidenti li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-ħsara kkaġunata mill-kelb tiegħu fuq il-persuna tal-attur. L-attur spjega li għal diversi xhur wara li seħħ dan l-inċident, huwa ma setax imur ix-xogħol minħabba fil-limitazzjonijiet li esperjenza fl-użu ta' saqajh, u wara l-inċident għadu jsofri minn debilità psikoloġika.

*Damnum Emergens:*

Bħala prova tad-danni materjali sofferti minnu, l-attur ippreżenta kopja tal-irċevuta għall-ammont ta' €60 maħruġa mill-konsulent mediku li eżaminah wara l-inċident.[38] L-attur ippretenda wkoll kumpens għall-ġranet kollha meta huwa ma setax jaħdem. Iżda mill-provi jirriżulta li hu kien ingħata xi benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fl-ammont ta' €5,152.40.[39](xhieda ta' Sean Meli f'dan ir-rigward).

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antoine Cachia**[40], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li

[38] *A fol.* 33 tal-proċess.
[39] Xhieda ta' Sean Meli.
[40] P.A., 18.02.2013.

jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[41], ġie stabbilit illi:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Mill-provi jirriżulta li l-attur għadu jsofri minn debilità psikoloġika permanenti kawża tal-inċident. L-espert mediku ġudizzjarju Dr Joseph Cassar spjega li din id-debilità permanenti hija riżultat dirett tat-trawma sofferta minnu konsegwenza tal-inċident, u li l-grad ta' debilità sofferta mill-attur hija ta' tnax fil-mija (12%). Sabiex tikkomputa t-telf ta' qligħ futur tal-attur minħabba f'din id-debilità, il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq id-dħul tal-attur fis-sena 2015, li hija s-sena meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Ir-raġuni għal dan hija li l-inċident seħħ lejn l-aħħar tas-sena, f'nofs Diċembru, u għalhekk id-dikjarazzjoni tad-dħul tal-attur għal dik is-sena partikolari hija waħda li tagħti stampa ċara ta' kemm kien mistenni li jkun id-dħul tal-attur fis-snin sussegwenti, anki għaliex is-sena 2015 kienet is-sena li fiha l-attur beda jirranka fl-attività ekonomika tiegħu. Mid-dokument esebit f'*fol.* 55 tal-proċess

[41] P.A., 27.04.2005.

jirriżulta li fis-sena 2015 l-attur kellu dħul gross ta' €20,721, li minnhom ħallas €2,455 taxxa fuq id-dħul, sabiex b'hekk id-dħul nett tal-attur għas-sena 2015 kien ta' €18,266.

Is-salarju tal-attur għas-sena 2015 irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[42], sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €18,266 + €25,809.86[43] / 2 = €22,037.93. Huwa dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[44], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi

[42] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[43] Il-Qorti qieset li r-rata tal-inflazzjoni medja għas-snin 2015-2019 kienet ta' 1.18% (1.1 + 0.64 + 1.37 + 1.16 + 1.64 / 5 = 1.18). Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

[44] P.A., 10.05.2005.

> mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, u bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' 21 sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2015, il-*multiplier* adottat ikun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu 65 sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. Madanakollu tenut kont tal-fatt li mhux fl-ambjenti kollha li jaħdem fihom l-attur ikun hemm il-klieb, u tenut kont ukoll tal-fatt li f'dan il-każ jeżistu fatturi mitigatanti oħra bħal pereżempju li f'ambjenti li fihom jiġi mqabbad jaħdem l-attur fejn ikun hemm il-klieb, l-attur jista' jibagħat lavranti tiegħu biex jaħdmu minfloku, apparti li jista' jagħmel premuri li min jinkarigah biex jiżgura li l-klieb, jekk ikun hemm, jinżammu marbuta jew maqfulin fil-ħin meta jkun qiegħed jaħdem hu. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, il-Qorti tqis li għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha billi tadotta *multiplier* ta' 10. Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku ġudizzjarju Dr Joseph Cassar li eżamina lill-attur wara l-inċident, li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' tnax fil-mija (12%) konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2016 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li

kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €22,037.93 x *multiplier* ta' 10 x 12% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €26,445.52, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi wieħed u għoxrin elf, mija u sitta u ħamsin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€21,156.41). Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-ħlas tal-benefiċċji soċjali li rċieva l-attur li jammontaw għal €5,152.50, sabiex b'hekk il-*lucrum cessans* li jrid jitħallas lill-attur huwa ta' €16,003.91. Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, flimkien mad-danni materjali li jammontaw għal €60, sabiex b'hekk it-total ta' danni li għandhom jitħallsu lill-attur mill-konvenut huma ta' sittax-il elf, u tlieta u sittin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€16,063.91).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u għad-danni sofferti mill-attur;**

3. **Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur mill-konvenut fis-somma ta' sittax-il elf, u tlieta u sittin Euro u wieħed u disgħin**

**ċenteżmu (€16,063.91), rappreżentanti t-total tad-danni materjali u telf ta’ qligħ futur sofferti mill-attur.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**